# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 21**

**Avviz numru 798/00/SM**

**Ruth Spiteri**

**vs**

**Emanuel Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited".**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz meritu ta' dan il-kaz fuq riferit datat id-19 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallasha s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) rapprezentanti s-sehem taghha minn depozitu ta' elfejn lira li hija u Clifford**

Baldacchino kienu ddepozitaw mieghu fuq konvenju ghat-trasferiment tal-appartament numru tnejn (2) f'dak bla  numru bl-isem "Raymanda Appartments" fi Triq il-Port Ruman, Qawra, San Pawl il-Bahar, liema konvenju thassar;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Novembru, 1999 u bl-imghax mid-data tal-iskadenza tal-konvenju kontra l-konvenut noe minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont li qed tippretendi l-attrici mhux dovut u dan skond it-termini tal-konvenju datat sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju, 1999;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut nomine onora l-obbligazzjonijiet kollha naxxenti mill-istess konvenju u jekk kien hemm xi ammont li kellhom jigu rifuzi lill-kompraturi in solidum dawn fil-fatt gew rifuzi;

3. Illi minhabba inadempjenza tal-attrici li ma resqitx ghall-kuntratt finali, l-konvenut nomine sofriet danni ingenti li jissuperaw l-ammont pretiz mill-attrici kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi flimkien ma Clifford Baldacchino, gia gharus ta' l-attrici, it-tnejn resqu ghall-konvenju in atti tan-Nutar Lia u datat is-26 ta' Gunju ta' l-1999 biex jixtru appartament f'Raimonda Appartments, Triq il-Port Ruman, il-Qawra;**

2. **Illi fil-konvenju li eventwalment gie rexiss l-attrici u dan Baldacchino effettwaw depozitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), konsistenti f'sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), fi flus kontanti u l-kumplament permess ta' cekk;**

3. **Illi l-ammont ta' flus kontanti ndikati fil-paragrafu precedenti hargithom l-attrici;**

4. **Illi r-rexissjoni ta' l-imsemmi konvenju saret b'mod bonarju u l-konvenut ghadda cekk indirizzat lill-imsemmi Baldacchino ammontanti ghall-elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0) lin-nutar fuq indikat;**

5. **Illi ghalkemm Baldacchino u l-attrici ipprovaw isarfu c-cekk dan ma sarx;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in effetti l-mekkanizmu tac-cekk fuq indikat hu ghal kollox irrilevanti ghall-vertenza in dizamina stante li sallum ghal xi raguni jew ohra ma ssarafx;**

**Illi ghalhekk jibqa' l-fatt li l-konvenut nomine ghad ghandu jirrifondi l-ammont ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), lil Baldacchino u lill-attrici, konsistenti fl-ammont ta' elf u erba' mitt Lira Maltin (LM1,400.00,0) lil ta' l-ewwel u sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), lill-attrici, liema ammonti anke rrizultaw hekk maqsumin bejn l-imsemmiha ex-gharajjes anke mid-deposizzjoni guramentata ta' l-istess Baldacchino;**

**Illi jirrizulta li l-ammonti hekk proporzjonati huma dovuti mill-konvenut nomine;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil Emanuel Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited" ihallas lill-attrici Ruth Spiteri l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru ta' l-1999.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**